MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Numru. 702/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**KONTRA**

**SAVERINA RUSSO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Saverina Russo ta’ 40 sena, mart Vincenzo Russo, bint Alfred Zammit u Margaret nee’ Vidal, mwielda Pieta nhar id- 9 ta’ Novembru 1967, residenti fil- fond 40 Flat 1, Triq Mose Gatt, Ta’ Paris, B’kara u detentrici tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 492967(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f’ Settembru 2007 u fix- xhur ta’ qabel f’ dawn il-Gzejjer, tat xhieda falza fi procedure kriminali dwar delitt suggett ghall- piena akbar mill- piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favor il- persuna imputata jew akkuzata u cioe fil- kaz Pulizija vs Enzo Quarella ET, ai termini tal- Artikolu 104 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna ohra akkuzat lil dik il-persuna u cioe lil Enzo Quarella, quddiem awtorita’ kompetenti b’reat filwaqt li kienet taf li dik il- persuna kienet innocenti, ai termini tal- Artikolu 101 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) fl- ahharnett akkuzata talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, iddenunzjat lil Pulizija Ezekuttiva b’ reat li taf li ma sarx, inkella bil- qerq holqot tracci ta’ reat b’ mod li nbdew procedure kriminali kontra Enzo Quarella detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 31754A, ai termini tal-Artikolu 110 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami kienu s-segwenti. L-imputata u r-ragel taghha jiggestixxu hanut bl-isem “Italpaint” u jbieghu zebgha u merkanzija ohra relatata. F’ Marzu tal-2003, l-imputata kienet bieghet merkanzija lil certu Enzo Quarella, versu pagament ta’ tlitt mija w

hamsin Lira maltin, li gew imhallsa b’ cekk ta’ Marvic Galea, is-siehba ta’ Quarella. Gara li dan ic-cekk ma ssarrafx, u ghalhekk l-imputata u r-ragel taghha ghamlu rapport lill-Pulizija f’ dan is-sens, u Quarella u Galea kienu tressqu l-Qorti tal-Magistrati akkuzati bi frodi. F’ dawk il-proceduri, l-imputata xehdet li n-negozju ma’ Quarella kien fuq bazi ta’ “cash sale”, mentri rrisulta li l-pagament maghmul kien “on account” ta’ oggetti u merkanzija mixtrija precedentement. Hi kienet xehdet ukoll li c-cekk kien inghata lilha gia’ mimli u miktub lest, mentri mill-provi kien irrizulta li c-cekk kienet imlietu l-imputata stess, peress illi Quarella ma kienx jaf jikteb bl-ingliz. Illi a bazi ta’ dawn il-fatti, il-Pulizija ghazlet li tinterroga lill-imputata u tressaqha fuq spergur, kalunnja u holqien ta’ provi foloz fil-konfront ta’ Quarella u Galea.

Mill-provi prodotti f’ din il-kawza kontra l-imputata, il-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx htija fiha ghal dawn l-imputazzjonijiet. Ghalkemm huwa minnu li l-imputata ma kienetx qalet il-verita’ meta kienet xehdet dwar min kien effettivament kiteb ic-cekk, din kienet biddlet il-verzjoni taghha fil-mori ta’ dawk il-proceduri, u ghalhekk giet li hi kkoregiet ix-xiehda taghha. Id-dottrina li xhud jirritratta x-xiehda tieghu fil-mori ta’ proceduri gudizzjarji jfisser li ma tistax tittiehed azzjoni kriminali ghal dik ix-xiehda moghtija minnu. Dan gej mil-pricipju li xiehda moghtija minn xhud, anke jekk moghtija f’ diversi dati differenti, hi meqjusa bhala depozizzjoni wahda shiha, u ghalhekk jekk xhud jirritratta x-xiehda tieghu u jikkoregi l-kontenut tax-xiehda tieghu qabel ma tintemm il-kawza, il-hsara li jkun ser jaghmel ma tkunx lahqet saret. Dan il-punt kien gie ampjament imfisser fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **“Rex v. Pawlu Borg”**, deciza fit-18 ta’ Dicembru, 1942. A bazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, ghalhekk, l-imputata ma tistax tinstab hatja tal-ewwel imputazzjoni u ghandha tigi lliberata minnha.

Nigu issa ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u cioe’ dawk tal-kalunnja verbali jew diretta kif kontemplata fl-Artikolu 101 tal-Kap 9, u l-kalunnja reali jew indiretta ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kap 9. Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati kienet giet imfissra b’ mod car fis-sentenza tal-Qorti

tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Pul. V. David Mizzi"**, moghtija fis-16 ta' Frar 1998. Hemmhekk il-Qorti, presjeduta mill-Imhallef Vincent De Gaetano, qalet hekk:

*"Ir- reat ikkontemplat fis- subartikolu (1) tal- Artikolu 110 tal- Kodici Kriminali hu dak tal- kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruhu mill- kalunja verbali jew diretta ikkontemplata fl- Artikolu 101 billi jirrikjedi li l- agent ikun, b' qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f' dik indiretta, l- element formali tar- reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l- hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill- gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il- persuna l- ohra. Fi kliem iehor ghar- reat ikkontemplat fl- Artikolu 110 (1) mhux bizzejjed is- semplici kliem, migjuba bil- fomm jew bil- miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita' kompetenti b' fatti ammontati ghal reat meta jkun jaf li dik il- persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil- hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il- persuna. Issa, fil- kaz in dizamina, ma hemm ebda prova li l- appellant holoq xi tracci jew indizji materjali kif fuq imfisser. It- tkissir tal- windscreen, il- gebla u l- flixkun certament ma holoqhomx hu- anzi, ex admissis, dawn it-tracci materjali holqithom martu meta ddecidiet li taghmel hsara fil- vettura;*

*"Kwantu ghar- reat ikkontemplat fis- subartikolu (2) tal-Artikolu 110 is- simulazzjoni ta' reat- dan, bhal fil- kaz tal-kalunja, jinqasam f' simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is- simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil- qerq johloq tracci ta' reat b' mod li jistghu jibdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar. Fil- kaz in dizamina, kif diga' nghad, b' ebda mod ma jista' jinghad li l- appellant holoq xi tracci materjali ta' reat. Is- simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l- agent ikun iddenunzja lill- PulizijaEsekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir- reat hu l-konsapevolezza ta' l- agent li r- reat li hu qed jiddenunzja fil- fatt ma sehhx."*

Minn dan jirrisulta ghalhekk li, sabiex din l-azzjoni tirnexxi kontra l-imputata, jrid jigi ppruvat li hi effettivament holqot tracci ta' reat li taf li ma sarx, bl-intenzjoni li ssir hsara lil Quarella u Galea. Il-provi wrew li l-imputata ma holqot ebda tracca ta' reat f' dan is-sens. L-imputata ma holqot ebda indizju materjali biex jintuza bhala prova kontra Quarella u Galea. Ir-rapport li hi ghamlet lill-Pulizija kien li Quarella kellu jaghtiha flus ghal merkanzija li kien xtara minghandha, u kien hallas b' cekk li ma ssarrafx. Dawn kienu kollha fatti veri, u ma kien hemm xejn ivvintat jew ikkreat minnha biex jintuza kontra Quarella u Galea mill-Pulizija. L-uniku skop li kellha l-imputata kien li tigbor il-flus dovut lilha, bhal ma jkollu tali interess kull min jiggestixxi negozju kummercjali biex ihares il-qligh tieghu u ma jaghmilx telf. Inoltre, biex tirnexxi l-azzjoni kontra l-imputata anke ai termini tal-Artikolu 110(2), u precizament dak li tiddenunzja reat li taf li ma sarx, irid jigi ppruvat li Russo kienet taf il-ligi penali bizzejjed biex hi takkuza lil Quarella b' nuqqas ta' hlas fuq "cash sale" meta n-negozju kien wiehed akkont. Din id-distinzjoni hi wahda sottili hafna fil-kamp penali, u giet zviluppata mill-gurisprudenza taghna kif enuncjata f' sentenzi bhal ta' **Willoughby**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 1979. Din il-Qorti ma tissorprendix ruhha li l-imputata m' hix a konoxxenza ta' din id-dottrina, anzi kienet tkun sorpriza li kieku rat li l-imputata taf b' din id-distinzjoni. Ghalhekk, anke dan l-element huwa nieqes.

Mhux hekk biss, izda jirrizulta car mill-provi li l-imputata u r-ragel taghha kienu l-ewwel marru l-bank biex jaraw jistghux isarrfu c-cekk in kwistjoni, u meta raw li l-kont ta' Galea kien maghluq u li kien hemm "stop payment" fuq ic-"cheque book" kollu tal-istess Galea, kien hemm li l-manager tal-bank stess tahom il-parir biex jirrapportaw dan lill-Pulizija. Dan jirrisulta mill-istess rapport tal-okkorrenza esebit a fol. 88 sa 90. Altru minn holqien ta' tracci foloz. Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stess irrisulta li l-imputata u r-ragel taghha segwew il-parir moghti lilhom mill-istess bank, u ghamlu rapport lill-Pulizija fuq dak il-parir.

In konkluzjoni, ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li l-imputata m’ hix hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet, u ghaldaqstant ghandha tigi lliberata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 104, 105, 101, 110, 17, 31, 109 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Ma ssibx lill-imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha minn kull htija u piena.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------